



---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**A9-0075/2023**

24.3.2023

**\*\*\*I**

## **RAPPORT**

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1217/2009 fir-rigward tal-bdil tan-Network dwar Informazzjoni tal-Kontabilità Agrikola f'Network tad-Data dwar is-Sostenibbiltà tal-Azjendi Agrikoli  
(COM(2022)0296 – C9-0206/2022 – 2022/0192(COD))

Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

Rapporteur: Jérémy Decerle

### ***Tifsira tas-simboli użati***

- \* Proċedura ta' konsultazzjoni
- \*\*\* Proċedura ta' approvazzjoni
- \*\*\*I Proċedura leġislattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- \*\*\*II Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tieni qari)
- \*\*\*III Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

### ***Emendi għal abbozz ta' att***

#### **Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni**

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

#### **Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat**

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ■ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

## WERREJ

### Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW.....	5
NOTA SPJEGATTIVA .....	32
PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI .....	34
VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI.....	35



## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1217/2009 fir-rigward tal-bdil tan-Network dwar Informazzjoni tal-Kontabilità Agrikola f'Network tad-Data dwar is-Sostenibbiltà tal-Azjendi Agrikoli

(COM(2022)0296 – C9-0206/2022 – 2022/0192(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2022)0296),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0206/2022),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-26 ta' Ottubru 2022<sup>1</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (A9-0075/2023),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
  2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

### Emenda 1

#### Proposta għal regolament Premessa 1

---

<sup>1</sup> Għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

*Test propost mill-Kummissjoni*

(1) L-iżvilupp tas-settur agrikolu tal-Unjoni u tal-politika agrikola komuni **jeħtieġ** informazzjoni oġġettiva u rilevanti dwar il-prestazzjoni u s-sostenibbiltà tal-azjendi agrikoli tal-Unjoni. In-Network dwar Informazzjoni tal-Kontabilità Agrikola (FADN) kien ġie stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1217/2009<sup>25</sup>.

---

<sup>23</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1217/2009 tat- 30 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi network għall-ġbir ta' informazzjoni tal-kontabilità dwar id-dħul u l-operazzjoni kummerċjali ta' azjendi agrikoli fil-Komunità Ewropea (ĠU L 328, 15.12.2009, p. 27).

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament  
Premessa 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(3) Fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Mejju 2020 bit-titolu "Strateġija 'Mill-Għalqa sal-Platt' għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent" ("l-istrateġija mill-Għalqa sal-Platt"), il-Kummissjoni ħabbret l-intenzjoni tagħha li tibdel in-Network **dwar** Informazzjoni tal-Kontabilità Agrikola (FADN) f'Network tad-Data dwar is-Sostenibbiltà tal-Azjendi Agrikoli (FSDN), bl-għan li tiġbor data fil-livell tal-azjendi agrikoli dwar is-sostenibbiltà. Il-bidla se tikkontribwixxi **wkoll** għat-titjib tas-servizzi ta' konsulenza lill-bdiewa u għall-valutazzjoni komparattiva tal-prestazzjoni tal-azjendi agrikoli.

*Emenda*

(1) **Il-valutazzjoni, l-analiżi u l-**iżvilupp tas-settur agrikolu tal-Unjoni u tal-politika agrikola komuni **jeħtieġu** informazzjoni oġġettiva, **aġġornata** u rilevanti dwar il-prestazzjoni u s-sostenibbiltà tal-azjendi agrikoli tal-Unjoni. In-Network dwar Informazzjoni tal-Kontabilità Agrikola (FADN) kien ġie stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1217/2009<sup>25</sup>.

---

<sup>23</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1217/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi network għall-ġbir ta' informazzjoni tal-kontabilità dwar id-dħul u l-operazzjoni kummerċjali ta' azjendi agrikoli fil-Komunità Ewropea (ĠU L 328, 15.12.2009, p. 27).

*Emenda*

(3) Fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Mejju 2020 bit-titolu "Strateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent" ("l-istrateġija mill-Għalqa sal-Platt"), il-Kummissjoni ħabbret l-intenzjoni tagħha li tibdel in-Network **ta'** Informazzjoni tal-Kontabilità Agrikola (FADN) f'Network tad-Data dwar is-Sostenibbiltà tal-Azjendi Agrikoli (FSDN), bl-għan li tiġbor data fil-livell tal-azjendi agrikoli dwar is-sostenibbiltà. Il-bidla se **tippermetti lin-network tad-data jappoġġa l-iżvilupp ta' politiki bbażati fuq l-evidenza u l-prestazzjoni u** tikkontribwixxi **għall-evalwazzjoni tad-dimensjonijiet ambjentali u soċjali mtejba tal-PAK u** għat-titjib tas-servizzi ta' konsulenza lill-bdiewa u għall-valutazzjoni

komparattiva tal-prestazzjoni tal-azjendi agrikoli, **u se tikkontribwixxi għat-trasparenza u l-ekwità tal-katina tal-provvista agroalimentari.**

### Emenda 3

#### Proposta għal regolament

#### Premessa 4

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(4) Is-sostenibbiltà tal-azjendi agrikoli tiġi vvalutata fil-qafas tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, fuq tliet aspetti ewlenin: **ekonomiċi**, ambjentali u soċjali. Bħalissa tinġabar data prinċipalment biex jiġu vvalutati l-aspetti ekonomiċi tal-azjendi agrikoli, filwaqt li hemm bżonn li tiġi vvalutata s-sostenibbiltà ġenerali tal-azjenda, inkluża data ambjentali marbuta mal-ħamrija, l-arja, l-ilma u l-bijodiversità, kif ukoll data li tkopri d-dimensjoni soċjali tal-biedja. Il-bidla għall-FSDN se tippermetti l-valutazzjoni komparattiva tal-prestazzjoni tal-azjendi agrikoli meta mqabbla mal-medji reġjonali, nazzjonali u settorjali. Fir-rigward tad-data tal-kontabilità, il-kontijiet ta' azjendi agrikoli jikkostitwixxu s-sors bażiku għal kwalunkwe valutazzjoni tal-introjtu tal-azjendi agrikoli jew studju tal-operat tan-negozju tagħhom. L-informazzjoni miġbura tista' tintuża wkoll biex jiġu pprovduti servizzi ta' konsulenza personalizzati u feedback lill-bdiewa bl-għan li **tittejjeb is-sostenibbiltà** tal-azjendi agrikoli.

##### *Emenda*

(4) Is-sostenibbiltà tal-azjendi agrikoli tiġi vvalutata fil-qafas tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti (**SDGs**), fuq tliet aspetti ewlenin: **l-aspett ekonomiku, l-aspett** ambjentali u **l-aspett** soċjali. Bħalissa tinġabar data prinċipalment biex jiġu vvalutati l-aspetti ekonomiċi tal-azjendi agrikoli, filwaqt li hemm bżonn li tiġi vvalutata s-sostenibbiltà ġenerali tal-azjenda, inkluża data ambjentali marbuta mal-ħamrija, l-arja, l-ilma u l-bijodiversità, kif ukoll data li tkopri d-dimensjoni soċjali tal-biedja, **b'attenzjoni partikolari mogħtija lis-sitwazzjoni tan-nisa bħala bdiewa u ħaddiema tal-azjendi agrikoli, u tal-bdiewa żgħażaġh u l-ħaddiema żgħażaġh tal-azjendi agrikoli. Barra minn hekk, huwa meħtieġ li tinġabar data armonizzata u li tiġi evitata d-duplikazzjoni tad-data diġà miġbura, pereżempju, permezz ta' statistika dwar l-inputs u l-outputs agrikoli jew il-PAK sabiex jiġi evitat u jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq ir-rispondenti u l-awtoritajiet, filwaqt li fl-istess ħin tiġi żgurata l-protezzjoni tad-data.** Il-bidla għall-FSDN se tippermetti l-valutazzjoni **u l-analiżi tas-setturi agrikoli fl-Istati Membri, filwaqt li tkejjel il-progress u tipprovdi gwida siewja kemm lill-bdiewa kif ukoll lil dawk li jfasslu l-politika. Tali bidla se tippermetti wkoll il-valutazzjoni** komparattiva tal-prestazzjoni tal-azjendi agrikoli meta mqabbla mal-medji reġjonali, nazzjonali u settorjali. Fir-rigward tad-data

tal-kontabilità, il-kontijiet ta' azjendi agrikoli jikkostitwixxu s-sors bażiku għal kwalunkwe valutazzjoni tal-introjt tal-azjendi agrikoli jew studju tal-operat tan-negożju tagħhom. L-informazzjoni miġbura tista' tintuża wkoll biex jiġu pprovduti servizzi ta' konsulenza personalizzati *mtejba* u feedback lill-bdiewa bl-għan li *jsir titjib fil-ġestjoni u s-sostenibbiltà* tal-azjendi agrikoli. *Is-servizzi ta' konsulenza jenħtieġ li jkunu soġġetti għar-regoli ta' kunfidenzjalità skont l-Artikolu 151(3) tar-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1a</sup>.*

---

*<sup>1a</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 li jstabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jiġfasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013 (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 1).*

#### Emenda 4

#### Proposta għal regolament Premessa 5

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(5) Dawn l-objettivi jistgħu jintlaħqu biss permezz ta' network tal-Unjoni għall-ġbir ta' data dwar is-sostenibbiltà tal-azjendi agrikoli (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ in-"network tad-data"), ibbażat fuq il-persuni eżistenti li jiġbru d-data f'kull Stat Membru, li għandhom il-fiduċja tal-partijiet ikkonċernati. L-Istati Membri jew l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli jenħtieġ li jagħmlu ħilithom biex

##### *Emenda*

(5) Dawn l-objettivi jistgħu jintlaħqu biss permezz ta' network tal-Unjoni għall-ġbir ta' data dwar is-sostenibbiltà tal-azjendi agrikoli (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ in-"network tad-data"), ibbażat fuq il-persuni eżistenti li jiġbru d-data f'kull Stat Membru, li għandhom il-fiduċja tal-partijiet ikkonċernati. *Jenħtieġ li jkun hemm ukoll attenzjoni kostanti biex jiġi żgurat li d-data miġbura tkun tista'*



jimmodernizzaw kemm jista' jkun il-modi tal-ġbir ta' data. Sabiex jitnaqqas il-piż għall-bdiewa u għal dawk li jiġbru d-data, bl-għan li tiġi evitata d-duplikazzjoni tat-talbiet għad-data u biex jissaħħa is-sett ta' data tal-FSDN, jenħtieġ li jiġi applikat il-prinċipju tal-ġbir ta' data ta' darba u l-użu mill-ġdid tagħha għal diversi drabi. Se tiġi kkunsidrata d-Direttiva **dwar id-Data Miftuħa**<sup>27</sup>. **Jenħtieġ li jiġi promoss** l-użu ta' soluzzjonijiet diġitali, **inkluż** l-użu mill-ġdid tad-data u l-kondiviżjoni tad-data ma' sorsi oħra. Jenħtieġ li jiġi previst li s-sistema bbażata esklużivament fuq l-uffiċċji tal-kontabilità agrikola tista' tiġi estiża bl-għan li jinġabru varjabbli ambjentali u soċjali u li l-ġbir ta' data jista' **jkun ibbażat kemm** fuq sħarriġ regolari kif ukoll speċjali skont il-ħtiġijiet informattivi.

---

<sup>27</sup> Id-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar id-data miftuħa u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku. **PE/28/2019/REV/1**.

**tintuża għall-monitoraġġ tal-progress lejn l-SDGs**. L-Istati Membri jew l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli jenħtieġ li jagħmlu ħilithom biex jimmodernizzaw kemm jista' jkun il-modi tal-ġbir ta' data. Sabiex jitnaqqas il-piż **amministrattiv** għall-bdiewa u għal dawk li jiġbru d-data, bl-għan li tiġi evitata d-duplikazzjoni tat-talbiet għad-data u **l-ġbir tad-data u** biex jissaħħa is-sett ta' data tal-FSDN, jenħtieġ li jiġi applikat il-prinċipju tal-ġbir ta' data ta' darba u l-użu mill-ġdid tagħha għal diversi drabi **għall-finijiet ta' dan ir-Regolament**. **Għalhekk, jenħtieġ li d-data rilevanti eżistenti kollha miġbura f'konformità ma' atti legali rilevanti oħra tal-Unjoni tkun tista' ssir dipendenza fuqha u tkun tista' tintuża mill-ġdid, bħal pereżempju d-data miġbura abbażi tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/2115**. Se tiġi kkunsidrata d-Direttiva (UE) **2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**<sup>27</sup>. L-użu ta' soluzzjonijiet diġitali, **inklużi** l-użu mill-ġdid tad-data u l-kondiviżjoni tad-data ma' sorsi oħra, **jenħtieġ li jiġi promoss u jenħtieġ li jkun dejjem l-ewwel għażla, meta dan iwassal għall-parteċipazzjoni wiesgħa tal-bdiewa u l-preċiżjoni tad-data miġbura**. **Għal dak il-fini, jenħtieġ li jiġu esplorati l-iżvilupp jew l-ottimizzazzjoni tal-għodod diġitali disponibbli għall-ġbir tad-data, bħall-Għodda għas-Sostenibbiltà tal-Azjendi Agrikoli**. Jenħtieġ li jiġi previst li s-sistema bbażata esklużivament fuq l-uffiċċji tal-kontabilità agrikola **tkun** tista' tiġi estiża bl-għan li jinġabru varjabbli ambjentali u soċjali u li l-ġbir ta' data **jkun** jista' **jiġi bbażat** fuq sħarriġ **kemm** regolari kif ukoll speċjali skont il-ħtiġijiet informattivi.

---

<sup>27</sup> Id-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar id-data miftuħa u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku (**ĠU L 172, 26.6.2019, p. 56**).

## Emenda 5

### Proposta għal regolament Premessa 5a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(5a) Fil-qafas tal-FSDN, id-data li għandha tinġabar jenħtieġ li tinqasam fi tliet kategoriji: data ekonomika, data ambjentali u data soċjali. Dawk it-tliet kategoriji jenħtieġ li jkunu s-sinsla invarjabbli tal-FSDN. Dawn jenħtieġ li jkunu stabbiliti fl-anness tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009. F'dawk it-tliet kategoriji, f'dak l-anness, jenħtieġ li jiġi elenkat ukoll sett ta' suġġetti possibbli għall-ġbir tad-data. Meta jiġi applikat dan ir-Regolament, il-ġbir tad-data mill-bdiewa jenħtieġ li jkun limitat għas-suġġetti stabbiliti f'dak l-anness. Madankollu, sabiex il-ġbir tad-data jkun jista' jiġi adattat għall-iżviluppi fl-oqsma ekonomiċi, ambjentali u soċjali, jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-emendar ta' dan ir-Regolament biż-żieda ta' aktar suġġetti ma' dak l-anness fil-kategoriji stabbiliti fih, jew bil-modifika tas-suġġetti eżistenti. Qabel l-adozzjoni ta' att delegat, il-Kummissjoni jenħtieġ li twettaq studju dwar ir-rilevanza u l-fattibbiltà ta' kwalunkwe tali modifika jew tal-introduzzjoni ta' suġġetti ġodda. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tevalwa wkoll il-proporzjonalità tar-rekwiżiti l-ġodda tad-data fir-rigward tal-kontribut tagħhom għall-valutazzjoni tas-sostenibbiltà tal-azjendi agrikoli, id-disponibbiltà ta' sorsi ġodda ta' data u l-kostijiet u l-piż rilevanti għall-Istati Membri u l-azjendi agrikoli prospettanti. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, ukoll fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji**

*stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet<sup>1a</sup>. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċievuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.*

---

*1a ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.*

## **Emenda 6**

### **Proposta għal regolament**

#### **Premessa 7**

*Test propost mill-Kummissjoni*

**(7) Meta jibagħtu d-data għall-azjenda prospettanti fil-livell tal-Unjoni, l-Istati Membri jenħtieġ li jipprovdu ID tal-azjenda agrikola biex tippermetti l-identifikazzjoni fil-livell tal-azjendi agrikoli bl-għan li tiġi żgurata l-kondiviżjoni tad-data fil-livell tal-Unjoni. Tali skambju ta' informazzjoni għandu l-għan li jtejjeb il-kapaċità li jiġu analizzati kwistjonijiet ta' sostenibbiltà.**

*Emenda*

**imħassar**

## **Emenda 7**

### **Proposta għal regolament**

#### **Premessa 8**

*Test propost mill-Kummissjoni*

**(8) F'każ li d-data individwali tiġi kondiviża mill-Kummissjoni jew mill-aġenziji ta' kollegament, huwa ta' importanza kbira li tiġi ggarantita l-protezzjoni tad-data u tingħata assigurazzjoni lill-bdiewa li d-data tagħhom u d-dettalji individwali l-oħra kollha miksuba skont dan ir-Regolament**

*Emenda*

**(8) F'każ li d-data individwali tiġi kondiviża mill-Kummissjoni jew mill-aġenziji ta' kollegament, huwa ta' importanza kbira li tiġi ggarantita l-protezzjoni tad-data u tingħata assigurazzjoni lill-bdiewa li d-data tagħhom u d-dettalji individwali l-oħra kollha miksuba skont dan ir-Regolament**

jigü anonimizzati **jew psewdonimizzati** biex tiġi evitata l-identifikazzjoni tagħhom, li tkopri kemm persuni fiżiċi kif ukoll ġuridiċi.

jigü anonimizzati biex tiġi evitata l-identifikazzjoni tagħhom, li tkopri kemm persuni fiżiċi kif ukoll ġuridiċi.

## Emenda 8

### Proposta għal regolament

#### Premessa 9

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(9) Jenħtieġ li d-data tinġabar fil-livell tal-Istat Membru u jenħtieġ li tiġi psewdonimizzata **bin-numru ta' identifikazzjoni**. Jenħtieġ li d-data **psewdonimizzata** biss tintbagħat lill-Kummissjoni. Jenħtieġ li jiġi previst li l-aċċess għal din id-data jista' jiġi pprovdut biss lill-awtoritajiet kompetenti f'każijiet speċifiċi u f'konformità mad-dritt internazzjonali, tal-Unjoni u nazzjonali. Il-proċeduri li għandhom jiġu segwiti u l-kundizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfati sabiex jinkiseb aċċess għad-data f'konformità mar-rekwiżiti ta' hteġa u proporzjonalità jenħtieġ li jiġu definiti skont id-dritt internazzjonali, tal-Unjoni u nazzjonali, u b'mod partikolari mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

##### *Emenda*

(9) Jenħtieġ li d-data tinġabar fil-livell tal-Istat Membru u jenħtieġ li tiġi psewdonimizzata **b'ID tal-azjenda agrikola biex jingħata lok għall-identifikazzjoni fil-livell tal-azjendi agrikoli kif ukoll għall-interkonnnessjoni sussegwenti ma' networks oħra tad-data**. Jenħtieġ li d-data **anonimizzata** biss tintbagħat lill-Kummissjoni. Jenħtieġ li jiġi previst li l-aċċess għal din id-data jista' jiġi pprovdut biss lill-awtoritajiet kompetenti f'każijiet speċifiċi u f'konformità mad-dritt internazzjonali, tal-Unjoni u nazzjonali. Il-proċeduri li għandhom jiġu segwiti u l-kundizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfati sabiex jinkiseb aċċess għad-data f'konformità mar-rekwiżiti ta' hteġa u proporzjonalità jenħtieġ li jiġu definiti skont id-dritt internazzjonali, tal-Unjoni u nazzjonali, u b'mod partikolari **f'konformità** mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

## Emenda 9

### Proposta għal regolament

#### Premessa 10

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(10) Jenħtieġ li jittieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex tiġi evitata d-deanonimizzazzjoni **u d-depsewdonimizzazzjoni** iżda jista' jseħħ li

##### *Emenda*

(10) Jenħtieġ li jittieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex tiġi evitata d-deanonimizzazzjoni iżda jista' jseħħ li d-data tista' tiġi żvelata minħabba riċerka u

d-data tista' tiġi żvelata minħabba riċerka u divulgazzjoni addizzjonali tad-data barra mill-kontroll tal-Kummissjoni. F'każijiet bħal dawn, id-data jenħtieġ li titqies bħala data personali u jenħtieġ li japplikaw ir-Regolamenti (UE) 2016/679<sup>28</sup> u (UE) 2018/1725<sup>29</sup> tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. **Tinġabar data dwar azjendi agrikoli**, mingħajr ma titqies is-sjeda ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi. Għalhekk, il-garanziji tal-protezzjoni tad-data jenħtieġ li jiġu estiżi għall-persuni ġuridiċi. Barra minn hekk, fir-rigward tal-iżvilupp, tal-produzzjoni u tat-tixrid tal-istatistika Ewropea, jenħtieġ li **jiġu rrispettati l-prinċipji** tar-Regolament (KE) 223/2009<sup>30</sup>.

---

<sup>28</sup> Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

<sup>29</sup> Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

<sup>30</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' data suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika

divulgazzjoni addizzjonali tad-data barra mill-kontroll tal-Kummissjoni. F'każijiet bħal dawn, id-data jenħtieġ li titqies bħala data personali u jenħtieġ li japplikaw ir-Regolamenti (UE) 2016/679<sup>28</sup> u (UE) 2018/1725<sup>29</sup> tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. **Id-data rigward l-azjendi agrikoli tinġabar** mingħajr ma titqies is-sjeda ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi. Għalhekk, il-garanziji tal-protezzjoni tad-data jenħtieġ li jiġu estiżi għall-persuni ġuridiċi. Barra minn hekk, fir-rigward tal-iżvilupp, tal-produzzjoni u tat-tixrid tal-istatistika Ewropea, jenħtieġ li **jkun hemm konformità mal-prinċipji** tar-Regolament (KE) 223/2009<sup>30</sup>.

---

<sup>28</sup> Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

<sup>29</sup> Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

<sup>30</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' data suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika

tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164).

tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164).

## Emenda 10

### Proposta għal regolament

#### Premessa 13

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(13) Bl-ambitu estiż tal-FSDN, huwa meħtieġ li r-regoli dwar il-baġit jiġu adattati, inkluża ġestjoni differenzjata għal sħarriġ regolari u speċjali. Il-baġit tal-Unjoni jenħtieġ li jiffinanzja l-istabbiliment u l-modernizzazzjoni tas-sistemi tal-Istati Membri biex jallinjawh mal-ambitu u l-ġestjoni riveduti tal-FSDN. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu allokkazzjoni relatata mal-valur standard tal-output tal-azjenda agrikola. L-Istati Membri jenħtieġ li jkollhom il-possibbiltà li jistabbilixxu inċentivi għall-parteċipazzjoni tal-bdiewa fin-network tad-data, bħal kontribuzzjoni finanzjarja, feedback dwar il-prestazzjoni tal-azjendi agrikoli b'enfasi fuq it-titjib ta' prattiki tal-biedja sostenibbli, jew parir immirat ibbażat fuq informazzjoni tal-FSDN.

## Emenda 11

### Proposta għal regolament

#### Premessa 14

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(14) Meta wieħed iqis li *xi Stati* Membri *jiffaċċjaw* problemi bil-parteċipazzjoni tal-bdiewa *fin-network tad-data, xi wħud minnhom diġà inkludew is-sistema tal-FADN skont l-istatistika nazzjonali li tipprovdi obbligu għall-bdiewa biex jipprovdu l-informazzjoni mitluba*. Meta jintgħażlu bħala azjenda prospettanti, il-bdiewa jenħtieġ li jipprovdu d-data;

##### *Emenda*

(13) Bl-ambitu estiż tal-FSDN, huwa meħtieġ li r-regoli dwar il-baġit jiġu adattati, inkluża ġestjoni differenzjata għal sħarriġ regolari u speċjali. Il-baġit tal-Unjoni jenħtieġ li jiffinanzja l-istabbiliment u l-modernizzazzjoni tas-sistemi tal-Istati Membri biex jallinjawh mal-ambitu u l-ġestjoni riveduti tal-FSDN. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu allokkazzjoni relatata mal-valur standard tal-output tal-azjenda agrikola. L-Istati Membri *u l-Kummissjoni* jenħtieġ li jkollhom il-possibbiltà li jistabbilixxu inċentivi għall-parteċipazzjoni tal-bdiewa fin-network tad-data, bħal kontribuzzjoni finanzjarja, feedback dwar il-prestazzjoni tal-azjendi agrikoli b'enfasi fuq it-titjib ta' prattiki tal-biedja sostenibbli, jew parir immirat ibbażat fuq informazzjoni tal-FSDN.

##### *Emenda*

(14) Meta wieħed iqis li *l-maġġoranza tal-Istati* Membri *ma jiffaċċjawx* problemi bil-parteċipazzjoni tal-bdiewa *fl-FADN eżistenti u meta wieħed iqis l-ambitu usa' u l-kwantità akbar ta' data* li *għandha tinġabar fl-FSDN, jenħtieġ li tinżamm in-natura volontarja tal-parteċipazzjoni tal-bdiewa fl-FSDN*. Meta jintgħażlu bħala azjenda prospettanti, il-bdiewa jenħtieġ li

jenħtieġ li *jkun possibbli għall-Istati Membri li* jadottaw regoli nazzjonali biex *jindirizzaw każijiet ta' azjendi prospettanti li ma jikkonformawx ma' tali obbligu.*

*jagħmlu l-almu tagħhom biex* jipprovdu d-data. Jenħtieġ li *l-Istati Membri jkunu jistgħu* jadottaw regoli nazzjonali biex *jiżguraw li d-data miġbura tkun ta' kwalità aħjar u biex jiffaċilitaw il-ġbir tad-data.*

## Emenda 12

**Proposta għal regolament  
Premessa 14a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(14a) Is-servizzi ta' konsulenza personalizzati pprovduti lill-azjendi agrikoli prospettanti bbażati fuq id-data tal-FSDN jistgħu jkunu siewja u b'hekk jipprovdu inċentiv sinifikanti favur il-parteċipazzjoni fl-FSDN, dment li l-parir ikun ibbażat fuq data rilevanti u kemm jista' jkun reċenti, filwaqt li jitqiesu l-iżviluppi bbażati fuq ix-xjenza u l-aħħar għarfien disponibbli dwar l-aħjar Prattiki.*

## Emenda 13

**Proposta għal regolament  
Premessa 14b (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(14b) Bħala kwistjoni ta' prinċipju, il-finanzjament ġenerali tal-Unjoni għall-FSDN jenħtieġ li jiżdied b'mod proporzjonali għaż-żieda fir-rekwiżiti ta' rapportar għall-bdiewa.*

## Emenda 14

**Proposta għal regolament  
Premessa 14c (ġdida)**

**(14c) Minħabba li ħafna Stati Membri u aġenziji ta' kollegament tal-FSDN x'aktarx jesperjenzaw restrizzjonijiet sinifikanti fir-riżorsi, u minħabba li n-natura teknika tal-ħidma tal-ġbir tad-data li għandha titwettaq tirrikjedi li l-għarfien espert jiġi sostnut maż-żmien, jeħtieġ li jiġi żgurati il-finanzjament meħtieġ fil-livelli tal-Istati Membri u tal-Unjoni biex jiġu żgurati biżżejjed riżorsi finanzjarji u umani meħtieġa għall-ġbir ta' data ta' kwalità għolja.**

## **Emenda 15**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3**

Regolament (KE) Nru 1217/2009

Artikolu 1 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. Qed jiġi stabbilit network tal-Unjoni tad-data dwar is-sostenibbiltà tal-azjendi agrikoli ("FSDN" jew "network tad-data") biex tinġabar data ekonomika, ambjentali u soċjali fil-livell tal-azjendi agrikoli.

1. Qed jiġi stabbilit network tal-Unjoni tad-data dwar is-sostenibbiltà tal-azjendi agrikoli ("FSDN" jew "network tad-data") biex tinġabar data ekonomika, ambjentali u soċjali fil-livell tal-azjendi agrikoli ***kif stipulat fl-Anness -I li jistabbilixxi l-kategoriji ta' data li għandha tinġabar.***

## **Emenda 16**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3**

Regolament (KE) Nru 1217/2009

Artikolu 1 – paragrafu 1a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***1a. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 19a, li jemendaw dan ir-Regolament billi jemendaw l-Anness -I sabiex jiġu***



*modifikati s-suġġetti eżistenti jew biex jiġu introdotti suġġetti ġodda, f'konformità mal-oġettivi ta' dan ir-Regolament u abbażi ta' studji mwettqa mill-Kummissjoni, li jeżaminaw ir-relevanza, il-fattibbiltà u l-proporzjonalità ta' tali modifiki jew introduzzjoni ta' suġġetti ġodda u li jevalwaw, b'mod partikolari, il-kontribut tas-suġġetti l-ġodda għall-valutazzjoni tas-sostenibbiltà tal-azjendi agrikoli, id-disponibbiltà ta' sorsi ta' data ġodda u l-kostijiet u l-piż rilevanti għall-Istati Membri u l-azjendi prospettanti.*

## Emenda 17

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3**  
Regolament (KE) Nru 1217/2009  
Artikolu 1 – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Id-data miksuba skont dan ir-Regolament **għandha** tikkontribwixxi għall-valutazzjoni tas-sostenibbiltà tal-agrikoltura **tal-UE**.

*Emenda*

2. **L-għan tan-network tad-data għandu jkun li jikkontribwixxi għall-evalwazzjoni ta' jekk l-oġettivi tal-politika agrikola komuni humiex qed jintlaħqu u li jevalwa l-impatt tal-politiki futuri fuq is-settur agrikolu.** Id-data miksuba skont dan ir-Regolament **tista'** tikkontribwixxi **wkoll** għall-valutazzjoni tas-sostenibbiltà tal-agrikoltura **tal-Unjoni u għall-analiżi tal-introjtu tal-azjendi agrikoli fl-Unjoni, filwaqt li tkopri d-dimensjonijiet ekonomiċi, ambjentali u soċjali tagħha. Barra minn hekk, tali data tista' tintuża wkoll biex jiġu pprovduti servizzi ta' konsulenza personalizzati u feedback lill-bdiewa bl-għan li tiġi ffaċilitata l-ġestjoni tal-azjendi agrikoli u tittejjeb is-sostenibbiltà tal-azjendi agrikoli.**

## Emenda 18

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. Id-data tal-FSDN għandha tkun disponibbli għall-pubbliku b'mod konsistenti mal-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u mar-Regolamenti (UE) 2016/679\* u 2018/1725\*\*.

---

\* Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

\*\* Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

*Emenda*

3. Id-data **aggregata** tal-FSDN għandha tkun disponibbli għall-pubbliku b'mod konsistenti mal-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u mar-Regolamenti (UE) 2016/679\*, **(UE) 2018/1725\*\* u (UE) Nru 1367/2006\*\*\* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u mad-Direttiva 2003/4/KE\*\*\*\* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.**

---

\* Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

\*\* Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

\*\*\* ***Ir-Regolament (KE) Nru 1367/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Settembru 2006 dwar l-applikazzjoni għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-Aċċess għall-Infurmazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali (ĠU L 264, 25.9.2006, p. 13).***

\*\*\*\* ***Id-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar l-aċċess pubbliku***

## **Emenda 19**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3**

Regolament (KE) Nru 1217/2009

Artikolu 1 – paragrafu 4

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

4. **Fejn** rilevanti, l-ipproċessar, il-ġestjoni u l-użu tad-data miġbura skont dan ir-Regolament għandhom jikkonformaw mar-Regolamenti (UE) 2016/679, (UE) 2018/1725 u (KE) 223/2009\*\*\*.

---

\*\*\* Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' data suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164).

## **Emenda 20**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**

Regolament (KE) Nru 1217/2009

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt a

#### *Emenda*

4. **Meta jkun** rilevanti, l-ipproċessar, il-ġestjoni u l-użu tad-data miġbura skont dan ir-Regolament għandhom jikkonformaw mar-Regolamenti (UE) 2016/679, (UE) 2018/1725 u (KE) 223/2009\*\*\* **tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.**

---

\*\*\* Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' data suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164).

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) "bidwi" tfisser il-persuna fiżika responsabbli **għat-tmexxija** ta' kuljum ta' azjenda agrikola;

*Emenda*

(a) "bidwi" tfisser il-persuna fiżika **jew ġuridika** responsabbli **mit-tmexxija** ta' kuljum ta' azjenda agrikola;

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**

Regolament (KE) Nru 1217/2009

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt g

*Test propost mill-Kummissjoni*

(g) "data tal-FSDN" tfisser data ekonomika, ambjentali u soċjali fil-livell tal-azjendi agrikoli relatata ma' azjendi agrikoli **derivati** minn kontijiet, u/jew minn sorsi oħra tad-data miġbura sistematikament u regolarment;

*Emenda*

(g) "data tal-FSDN" tfisser data **dwar is-sostenibbiltà li tinkludi d-data** ekonomika, ambjentali u soċjali fil-livell tal-azjendi agrikoli **msemmija fl-Artikolu 1(1)** relatata ma' azjendi agrikoli **derivata** minn kontijiet, u/jew minn sorsi oħra tad-data miġbura sistematikament u regolarment;

**Emenda 22**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8**

Regolament (KE) Nru 1217/2009

Artikolu 4 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Dan il-Kapitolu għandu japplika għall-ġbir ta' data dwar il-kontabilità u data oħra dwar is-sostenibbiltà. Id-data tal-FSDN għandha tinġabar permezz ta' stħarriġ regolari u speċjali.

*Emenda*

1. Dan il-Kapitolu għandu japplika għall-ġbir ta' data dwar il-kontabilità u data oħra dwar is-sostenibbiltà **li l-azjendi agrikoli prospettanti jistgħu jipprovdur fuq bażi volontarja**. Id-data tal-FSDN għandha tinġabar permezz ta' stħarriġ regolari u speċjali.

**Emenda 23**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8**  
Regolament (KE) Nru 1217/2009  
Artikolu 4 – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. L-awtorità kompetenti għall-FSDN tista' tuża sorsi oħra ***tad-data*** sabiex tiġbor u tuża mill-ġdid ***id-data*** biex tikkontribwixxi għall-istħarriġ tal-FSDN.

*Emenda*

2. L-awtorità kompetenti għall-FSDN tista' tuża ***u tiddependi fuq*** sorsi oħra ***ta' data, bħal statistika dwar l-inputs u l-outputs agrikoli, is-Sistema Integrata ta' Amministrazzjoni u Kontroll u ċ-ċensiment agrikolu***, sabiex tiġbor u tuża mill-ġdid ***data aggregata rilevanti eżistenti jew diġà miġbura*** biex tikkontribwixxi għall-istħarriġ tal-FSDN, ***filwaqt li tiżgura l-protezzjoni tad-data. L-indikaturi diġà mkejla f'sorsi oħra ta' data rregolati mid-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-istatistika, bħar-Regolamenti (UE) 2018/1091 u (UE) 2022/2379, ma għandhomx jiġu inklużi fl-istħarriġ tal-FSDN sabiex jiġi evitat piż amministrattiv addizzjonali fuq il-bdiewa u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra. L-użu ta' sorsi ta' data sekondarji, bħal reġistri jew rekords amministrattivi tal-azjendi agrikoli, għandu jkun soġġett għall-qbil minn qabel tal-bdiewa għal tali użu.***

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9**  
Regolament (KE) Nru 1217/2009  
Artikolu 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

Il-qasam tal-istħarriġ għandu jkopri l-azjendi agrikoli li għandhom daqs ekonomiku ekwivalenti għal jew ikbar ***mil-livell*** limitu ***espress f'euro*** li jikkorrispondi għal wieħed mil-limiti iktar baxxi tal-klassijiet ta' daqs ekonomiku tat-tipoloġija tal-Unjoni għall-azjendi agrikoli definiti fl-Artikolu 5b.

*Emenda*

Il-qasam tal-istħarriġ għandu jkopri l-azjendi agrikoli li għandhom daqs ekonomiku ekwivalenti għal, jew ikbar ***minn livell*** limitu li jikkorrispondi għal wieħed mil-limiti iktar baxxi tal-klassijiet ta' daqs ekonomiku tat-tipoloġija tal-Unjoni għall-azjendi agrikoli definiti fl-Artikolu 5b.

## Emenda 25

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9

Regolament (KE) Nru 1217/2009

Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati, **f'konformità mal-Artikolu 19a**, li jissupplimentaw dan ir-Regolament b'regoli dwar l-istabbiliment tal-livell limitu msemmi fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu.

#### *Emenda*

Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati, **skont l-Artikolu 19a**, li jissupplimentaw dan ir-Regolament b'regoli dwar l-istabbiliment tal-livell limitu msemmi fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu. **Dawk ir-regoli għandhom jiżguraw li l-azjendi agrikoli ta' daqs ekonomiku iżgħar ikunu rappreżentati b'mod inklużiv.**

## Emenda 26

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9

Regolament (KE) Nru 1217/2009

Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Il-Kummissjoni għandha tadotta, abbażi tad-data li tirċievi mill-Istati Membri, atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-livell limitu msemmi fl-ewwel subparagrafu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 19b(2).

#### *Emenda*

Il-Kummissjoni għandha tadotta, abbażi tad-data **u r-rakkomandazzjonijiet** li tirċievi mill-Istati Membri, atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-livell limitu msemmi fl-ewwel subparagrafu **ta' dan il-paragrafu**. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 19b(2).

## Emenda 27

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9

Regolament (KE) Nru 1217/2009

Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt ba (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(ba) tinħadem minn bidwi li jżomm il-kontijiet tal-azjenda agrikola jew li jkun lest u kapaċi jżomm il-kontijiet tal-azjenda agrikola u li jkun lest jippermetti li d-data tal-kontabilità mill-azjenda agrikola titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni.**

## **Emenda 28**

### **Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9**

Regolament (KE) Nru 1217/2009

Artikolu 5 – paragrafu 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

3. Azjenda agrikola li tikkwalifika bħala azjenda prospettanti fil-pjan għall-għażla tal-azjendi prospettanti **għandha tipprovdi d-data** mitluba.

3. Azjenda agrikola li tikkwalifika bħala azjenda prospettanti fil-pjan għall-għażla tal-azjendi prospettanti **tista' tiffaċilita b'mod volontarju l-ġbir tad-data** mitluba **f'konformità mad-dritt nazżjonali.**

## **Emenda 29**

### **Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9**

Regolament (KE) Nru 1217/2009

Artikolu 5 – paragrafu 4

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

4. **L-Istati Membri jistgħu jadottaw regoli nazżjonali biex jindirizzaw każijiet possibbli ta' nuqqas ta' konformità mal-paragrafu 3.**

**imħassar**

## **Emenda 30**

### **Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13**

Regolament (KE) Nru 1217/2009

Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt h

*Test propost mill-Kummissjoni*

(h) li tagħmel disponibbli ***r-riżultati*** miksuba għall-għoti ta' pariri u feedback ***lill-bdiewa*** dwar il-prestazzjoni tas-sostenibbiltà tagħhom.

*Emenda*

(h) li tagħmel disponibbli, ***fi żmien sentejn wara l-ġbir tad-data, ir-riżultati*** miksuba għall-għoti ta' pariri ***aġġornati, valutazzjoni komparattiva aġġornata*** u feedback ***lill-azjendi agrikoli prospettanti*** dwar il-prestazzjoni tas-sostenibbiltà ***u l-ġestjoni tal-azjendi agrikoli*** tagħhom;

**Emenda 31**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13**

Regolament (KE) Nru 1217/2009

Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt ħa (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(ħa) li tistabbilixxi pjan għat-tqassim tal-inċentivi mogħtija lill-bdiewa fl-ambitu ta' dan ir-Regolament.***

**Emenda 32**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14**

Regolament (KE) Nru 1217/2009

Artikolu 8 – paragrafu 4

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

4. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati, ***f'konformità mal-Artikolu 19a***, li jissupplimentaw dan ir-Regolament bir-regoli ***sabiex jiġu ddeterminati l-gruppi ewlenin ta' data li għandha tinġabar*** u r-regoli ġenerali għall-ġbir ta' data.

4. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati, ***skont l-Artikolu 19a***, li jissupplimentaw dan ir-Regolament bir-regoli ***biex tiġi ddeterminata d-data li għandha tinġabar abbażi tas-suġġetti elenkati fl-Anness -I***, u r-regoli ġenerali għall-ġbir ta' data. ***Ir-regoli ġenerali għall-ġbir ta' data għandhom iqisu l-avvanzi teknoloġiċi rilevanti u l-possibbiltà li tinġabar id-data permezz tat-telerilevament.***



## Emenda 33

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15

Regolament (KE) Nru 1217/2009

Artikolu 16 – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. **Data individwali anonimizzata jew psewdonimizzata tista' tiġi kondiviża mill-Kummissjoni jew minn aġenziji ta' kollegament għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 1, dment li tiġi evitata l-identifikazzjoni ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi.**

*Emenda*

2. **Għall-finijiet imsemmija fl-Artikolu 1, il-Kummissjoni u l-aġenziji ta' kollegament jistgħu jikkondividu bejniethom biss data individwali anonimizzata, dment li l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi rilevanti ma jkunux jistgħu jiġu identifikati.**

## Emenda 34

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17

Regolament (KE) Nru 1217/2009

Artikolu 19 – paragrafu 1 – punt a

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) għal sħarriġ regolari: tariffa standard pagabbli lill-Istati Membri għall-preżentazzjoni ta' prospetti tal-azjendi agrikoli mimlija kif xieraq fi ħdan l-iskadenza stabbilita sal-għadd massimu ta' azjendi agrikoli prospettanti kif stabbilit f'konformità mal-Artikolu 5a(2). **Fejn** l-għadd totali ta' prospetti tal-azjendi agrikoli mimlija u ppreżentati kif xieraq fir-rigward ta' diviżjoni tal-FSDN jew Stat Membru jkun inqas minn **80** % tal-għadd ta' azjendi agrikoli prospettanti stabbiliti għal dik id-diviżjoni tal-FSDN jew għall-Istat Membru kkonċernat, għandha tiġi applikata tariffa ugwali għal 50 % tat-tariffa standard għal kull prospett tal-azjendi agrikoli minn dik id-diviżjoni tal-FSDN jew mill-Istat Membru kkonċernat;

*Emenda*

(a) għal sħarriġ regolari: tariffa standard pagabbli lill-Istati Membri għall-preżentazzjoni ta' prospetti tal-azjendi agrikoli mimlija kif xieraq fi ħdan l-iskadenza stabbilita sal-għadd massimu ta' azjendi agrikoli prospettanti kif stabbilit f'konformità mal-Artikolu 5a(2). **Meta** l-għadd totali ta' prospetti tal-azjendi agrikoli mimlija u ppreżentati kif xieraq fir-rigward ta' diviżjoni tal-FSDN jew Stat Membru jkun inqas minn **75** % tal-għadd ta' azjendi agrikoli prospettanti stabbiliti għal dik id-diviżjoni tal-FSDN jew għall-Istat Membru kkonċernat, għandha tiġi applikata tariffa ugwali għal 50 % tat-tariffa standard għal kull prospett tal-azjendi agrikoli minn dik id-diviżjoni tal-FSDN jew mill-Istat Membru kkonċernat;

## Emenda 35

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17

Regolament (KE) Nru 1217/2009

Artikolu 19 – paragrafu 1 – punt b

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(b) għal sħarriġ speċjali: tariffa standard pagabbli lill-Istati Membri għall-preżentazzjoni ta' prospetti tal-azjendi agrikoli mimlija kif xieraq fi ħdan l-iskadenza stabbilita sal-għadd massimu ta' azjendi agrikoli prospettanti kif stabbilit f'konformità mal-Artikolu 5a(2). **Fejn** l-għadd totali ta' prospetti tal-azjendi agrikoli mimlija u ppreżentati kif xieraq fir-rigward ta' diviżjoni tal-FSDN jew Stat Membru jkun inqas minn **80 %** tal-għadd ta' azjendi agrikoli prospettanti stabbiliti għal dik id-diviżjoni tal-FSDN jew għall-Istat Membru kkonċernat, għandha tiġi applikata tariffa ugwali għal 50 % tat-tariffa standard għal kull prospett tal-azjendi agrikoli minn dik id-diviżjoni tal-FSDN jew mill-Istat Membru kkonċernat;

#### *Emenda*

(b) għal sħarriġ speċjali: tariffa standard pagabbli lill-Istati Membri għall-preżentazzjoni ta' prospetti tal-azjendi agrikoli mimlija kif xieraq fi ħdan l-iskadenza stabbilita sal-għadd massimu ta' azjendi agrikoli prospettanti kif stabbilit f'konformità mal-Artikolu 5a(2). **Meta** l-għadd totali ta' prospetti tal-azjendi agrikoli mimlija u ppreżentati kif xieraq fir-rigward ta' diviżjoni tal-FSDN jew Stat Membru jkun inqas minn **75 %** tal-għadd ta' azjendi agrikoli prospettanti stabbiliti għal dik id-diviżjoni tal-FSDN jew għall-Istat Membru kkonċernat, għandha tiġi applikata tariffa ugwali għal 50 % tat-tariffa standard għal kull prospett tal-azjendi agrikoli minn dik id-diviżjoni tal-FSDN jew mill-Istat Membru kkonċernat;

## Emenda 36

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17

Regolament (KE) Nru 1217/2009

Artikolu 19 – paragrafu 3

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

3. L-Unjoni **tista'** ttiprovdi wkoll kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-baġit ġenerali tal-Unjoni lill-Istati Membri, sabiex tkopri l-kostijiet tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament meta l-istabbiliment tas-sistema għall-ġbir tal-varjabbli ambjentali u soċjali addizzjonali, inklużi t-taħriġ u l-interoperabbiltà bejn is-sistemi tal-ġbir ta' data, ikun jeħtieġ adattamenti sinifikanti fis-sistema nazzjonali ta' ġbir ta' data tal-

#### *Emenda*

3. L-Unjoni **għandha** ttiprovdi wkoll kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-baġit ġenerali tal-Unjoni lill-Istati Membri, sabiex tkopri l-kostijiet tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament meta l-istabbiliment tas-sistema għall-ġbir tal-varjabbli ambjentali u soċjali addizzjonali, inklużi t-taħriġ u l-interoperabbiltà bejn is-sistemi tal-ġbir ta' data, ikun jeħtieġ adattamenti sinifikanti fis-sistema nazzjonali ta' ġbir ta' data tal-

### Emenda 37

#### Proposta għal regolament

##### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17

Regolament (KE) Nru 1217/2009

Artikolu 19 – paragrafu 5

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

5. L-Istati Membri **jistgħu** jiddefinixxu u jipprovdu inċentivi għall-parteċipazzjoni tal-bdiewa fl-istħarriġ tal-FSDN.

#### *Emenda*

5. L-Istati Membri **għandhom** jiddefinixxu u jipprovdu inċentivi, **inklużi inċentivi finanzjarji**, għall-parteċipazzjoni tal-bdiewa fl-istħarriġ tal-FSDN.

### Emenda 38

#### Proposta għal regolament

##### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17

Regolament (KE) Nru 1217/2009

Artikolu 19 – paragrafu 6

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

6. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-proċeduri dettaljati fir-rigward tat-tariffa standard imsemmija fil-paragrafu 1, il-punti (a) u (b), u l-adattamenti għas-sistema tal-ġbir ta' data msemmija fil-paragrafu 3. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 19b(2).

#### *Emenda*

6. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-proċeduri dettaljati fir-rigward tat-tariffa standard imsemmija fil-paragrafu 1, il-punti (a) u (b), **ta' dan l-Artikolu**, u l-adattamenti għas-sistema tal-ġbir ta' data msemmija fil-paragrafu **3ta' dan l-Artikolu**. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 19b(2).

### Emenda 39

#### Proposta għal regolament

##### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18 – punt a

Regolament (KE) Nru 1217/2009

Artikolu 19a – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Is-setgħa **li jiġu adottati** atti delegati msemmija fl-Artikolu **3 u l-Artikoli 4(3), 5(1), 5a(1), 5b(2) u (3) u 8(3)** għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' **ħames** snin **mid-data** tad-dħul fis-seħħ ta' dan **ir-Regolament**. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' **setgħat** mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' **ħames** snin. Id-delega ta' **setgħat** għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, hliief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

**Emenda 40**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18 – punt b**  
Regolament (KE) Nru 1217/2009  
Artikolu 19a – paragrafu 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. Id-delega ta' setgħat imsemmija fl-Artikolu **3 u fl-Artikoli 4(3), 5(1), 5a(1), 5b(2) u (3) u l-Artikolu 8(3)** tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttejjm id-delega ta' **setgħat** speċifikata f'dik id-deċiżjoni. **Din** għandha ssir effettiva **l-għada tal-pubblikazzjoni** tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. **Din** ma **għandhiex** taffettwa l-validità **ta' kwalunkwe** att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

*Emenda*

2. Is-setgħa **ta' adożzjoni ta'** atti delegati msemmija fl-Artikolu **1(1a), l-Artikolu 3, l-Artikolu 4(3), l-Artikolu 5(1), l-Artikolu 5a(1), l-Artikolu 5b(2) u (3) u l-Artikolu 8(4)** għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' **tliet** snin **minn ... [id-data** tad-dħul fis-seħħ ta' dan **ir-Regolament]**. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' **setgħa** mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' **tliet** snin. Id-delega ta' **setgħa** għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, hliief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

*Emenda*

3. Id-delega ta' setgħat imsemmija fl-Artikolu **1(1a), l-Artikoli 3, l-Artikoli 4(3), l-Artikoli 5(1), l-Artikoli 5a(1), l-Artikoli 5b(2) u (3) u l-Artikolu 8(4)** tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttejjm id-delega ta' **setgħa** speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva **fil-jum wara l-pubblikazzjoni** tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma **għandha** taffettwa l-validità **tal-ebda** att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

## Emenda 41

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18 – punt c

Regolament (KE) Nru 1217/2009

Artikolu 19a – paragrafu 5

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

5. Att delegat adottat skont l-Artikolu **3 u l-Artikoli** 4(3), 5(1), 5a(1), 5b(2) u (3) u l-Artikolu 8(3) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma **tkunx ġiet** espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill **f'perjodu ta'** xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill **it-tnejn** ikunu infurmaw lill-Kummissjoni li **ma humiex se** joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

#### *Emenda*

5. Att delegat adottat skont l-Artikolu **1(1a), l-Artikolu 3, l-Artikolu** 4(3), **l-Artikolu** 5(1), **l-Artikolu** 5a(1), **l-Artikolu** 5b(2) u (3) u l-Artikolu 8(4) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma **tiġix** espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill **fi żmien** xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu **t-tnejn** infurmaw lill-Kummissjoni li **mhum iex se jrin** joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

## Emenda 42

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19a (ġdid)

Regolament (KE) Nru 1217/2009

Anness –I (ġdid)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

**(19a) It-test fl-Anness -I ta' dan ir-Regolament jiddaħħal bħala l-Anness -I.**

## Emenda 43

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20

Regolament (KE) Nru 1217/2009

Anness I

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

(20) L-Anness I huwa sostitwit bit-test

(20) L-Anness I huwa sostitwit bit-test

fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

fl-Anness *I* ta' dan ir-Regolament.

## **Emenda 44**

### **Proposta għal regolament**

#### **Anness -I (ġdid)**

Regolament (KE) Nru 1217/2009

#### **Anness -I (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

#### **ANNEX -I**

#### **"ANNEX -I**

*Lista ta' kategoriji ta' data msemmija fl-Artikolu 1(1) li għandhom jiġu inklużi fid-data tal-FSDN*

- 1. Il-varjabbli ekonomiċi jistgħu jkopru s-suġġetti li ġejjin:*
  - (1) id-data ġenerali dwar l-azjenda agrikola (sjieda, status legali);*
  - (2) l-assi (art, bini, tagħmir);*
  - (3) l-użu tal-art (inklużi żoni li jiffaċċjaw restrizzjonijiet naturali u restrizzjonijiet speċifiċi oħra);*
  - (4) id-djun;*
  - (5) l-inputs (kostijiet);*
  - (6) il-prodotti (produzzjoni ta' pjanti, bhejjem u prodotti tal-annimali);*
  - (7) l-introjt minn attivitajiet mhux agrikoli;*
  - (8) il-prodotti ta' kwalità – indikazzjonijiet ġeografiċi;*
  - (9) is-sħubija f'organizzazzjonijiet tal-produtturi;*
  - (10) is-sussidji;*
  - (11) il-kwoti u d-drittijiet tal-produzzjoni.*
- 2. Il-varjabbli ambjentali jistgħu jkopru s-suġġetti li ġejjin:*
  - (1) il-ġestjoni tal-ħamrija;*

- (2) *il-bijodiversità selvaġġa u domestika;*
- (3) *l-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra;*
- (4) *l-użu u l-ġestjoni tan-nutrijenti, il-pestiċidi u l-antibijotiċi;*
- (5) *il-biedja organika;*
- (6) *is-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola;*
- (7) *it-trattament xieraq tal-annimali;*
- (8) *il-ġestjoni tal-iskart;*
- (9) *il-ġestjoni tal-ilma;*
- (10) *l-użu u l-produzzjoni tal-enerġija.*

**3. Il-varjabbli soċjali jistgħu jkopru s-suġġetti li ġejjin:**

- (1) *id-deskrizzjoni tal-azjenda agrikola u tas-šhubija;*
- (2) *id-deskrizzjoni tal-manodopera, inkluża d-distribuzzjoni tal-ġeneri u tal-età;*
- (3) *is-sigurtà soċjali;*
- (4) *il-kundizzjonijiet tax-xogħol għall-bdiewa u l-ħaddiema agrikoli;*
- (5) *l-edukazzjoni;*
- (6) *l-inklużjoni soċjali (bennesseri, kundizzjonijiet tal-ġħajxien għall-bdiewa u l-ħaddiema agrikoli);*
- (7) *l-aċċess għall-infrastruttura u s-servizzi essenzjali.*

## NOTA SPJEGATTIVA

In-network ta' informazzjoni tal-kontabilità agrikola (FADN) huwa sors prezzjuż ta' data mikroekonomika u tal-kontabilità li tiġi kull sena minn aktar minn 80 000 azjenda agrikola tal-UE. Dan ilu jeżisti mill-1965 u jagħmilha possibbli li tiġi vvalutata s-sitwazzjoni ekonomika u finanzjarja tal-azjendi agrikoli fuq bażi regolari. Minkejja li mhuwiex għodda statistika fil-veru sens tal-kelma, peress li huwa bbażat fuq il-kampjuni, dan sar familjari ma' ħafna deċiżuri pubbliċi, iżda wkoll riċerkaturi u anke organizzazzjonijiet agrikoli.

Il-volontà tal-Kummissjoni li tarrikkixxi din l-għodda billi tittrasforma l-FADN f'Network tad-Data dwar is-Sostenibbiltà tal-Azjendi Agrikoli (FSDN), u b'hekk iżżid dimensjoni ambjentali u soċjali mad-dimensjoni ekonomika primarja tagħha, hija xi ħaġa naturali u li għandha tintlaqa' b'mod favorevoli.

Dan l-iżvilupp – li huwa parti mill-pjan ta' azzjoni "Mill-Għalqa sal-Platt" u huwa konsistenti mal-evoluzzjoni tal-PAK – jeħtieġ bidliet fil-leġiżlazzjoni eżistenti [ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1217/2009].

Meta eżamina l-abbozz tat-test, ir-rapporteur kien ħerqan li jiżgura li l-FSDN il-ġdid, minkejja l-ambizzjoni tiegħu, ma jitlifix ir-rilevanza u l-effettività tal-FADN attwali.

Permezz tat-22 emenda proposti mir-rapporteur, huwa biġsieb jkopri tliet kwistjonijiet ewlenin:

L-ewwel nett, in-natura tal-varjabbli l-ġodda li se jiġu introdotti u b'hekk jinġabru minn dawk li jiffurmaw il-kampjun. Filwaqt li l-att bażiku mhuwiex maħsub biex jelenka dawn il-varjabbli b'mod eżawrjenti, ir-rapporteur iqis li huwa importanti li jipprovi qafas, xi ħaġa li r-regolament attwali ma kienx jagħmel u ma kellux għalfejn jagħmel għall-FADN. Bħalissa, il-biċċa l-kbira tad-data tal-FADN tittieħed biss mill-kontijiet tal-azjendi agrikoli. Iż-żieda tal-fergħat ambjentali u soċjali se tirrikjedi l-użu ta' sorsi oħra ta' informazzjoni. U għalkemm se jkollha tingħata preferenza lill-informazzjoni diġà eżistenti, il-kontroverifika tal-bażijiet tad-data u kwalunkwe ħaġa li tevita d-duplikazzjoni fid-domandi fuq il-bdiewa, din iż-żieda żgur li se ġġib magħha kost. U dak il-kost irid jinżamm baxx biex jiġi żgurat li l-għodda tkun tista' tkompli ttipprovi d-data b'mod effiċjenti. Ir-rapporteur mhuwiex lest li jagħti libertà assoluta lill-Kummissjoni biex tiġbor kwalunkwe tip ta' informazzjoni. Approċċ realistiku jkun li jintlaħaq qbil dwar qafas stabbli, li d-dettalji tiegħu jiġu stabbiliti biss fil-leġiżlazzjoni sekondarja. Ma għandux jintesa li l-FSDN se jkollu valur biss jekk jinforma lid-deċiżuri dwar il-varjabbli miġbura madwar l-UE u fuq perjodi twal. Għalhekk, mhux se jkun meħtieġ li l-lista ta' informazzjoni miġbura tiġi emendata ta' spiss.

Il-kwistjoni li jmiss hija n-natura volontarja tal-parteciċipazzjoni tal-bdiewa f'dan in-network. B'segwitu għall-iskambji kollha li kellu r-rapporteur, b'mod partikolari mal-aġenziji ta' kollegament f'diversi Stati Membri, huwa jinsab konvint li l-kwalità tal-informazzjoni tal-FADN attwali hija bbażata fuq in-natura volontarja tal-parteciċipazzjoni tal-bdiewa fin-network. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri issa qed ikollhom rati ta' ritorn sodisfaċenti u r-rapporteur ma jqisx li huwa ġġustifikat li l-parteciċipazzjoni ssir obligatorja, aktar u aktar meta jeħtieġ li tinġabar data addizzjonali. Għall-kuntrarju, huwa jemmen li jekk il-parteciċipazzjoni titqies bħala restrizzjoni, il-kwalità tad-data tmur lura. Min-naħa l-oħra, ir-rapporteur huwa



favur ħafna l-iżvilupp ta' inċentivi, ibda mill-feedback li jista' jingħata lill-parteċipanti f'termini ta' konsulenza, li jippermettu lill-azjendi agrikoli jippożizzjonaw ruħhom, abbażi tad-diversi kriterji analizzati, fost l-azjendi agrikoli l-oħra fir-reġjun jew is-settur tagħhom fil-livell Ewropew.

Fl-aħħar nett, il-kwistjoni tal-kunfidenzjalità tad-data u l-qafas għall-użu tagħha. Ir-rapporteur m'għandu l-ebda dubju dwar l-intenzjonijiet tal-Kummissjoni li tiproteġi l-identità ta' dawk li wiegħbu u li tuża d-data biss għall-iskopijiet li għalihom tkun inġabret. Madankollu, fuq il-bażi tal-opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, ir-rapporteur iqis li l-użu ta' identifikatur tal-azjendi agrikoli, li huwa meħtieġ għall-kontroverifika tal-bażijiet tad-data, u l-"pseudonimizzazzjoni", jitolbu qafas kemxejn aktar strett u preċiż minn dak previst fir-Regolament f'dan l-istadju sabiex jiġu pprovduti l-garanziji kollha lill-parteċipanti.

Huwa f'dan l-ispirtu li r-rapporteur qed jipproponi l-emendi li ġejjin. Ix-xewqa unika tiegħu huwa li jingħata kontribut għall-kisba ta' FSDN li jipprovdi aktar ċarezza lid-deċiżuri, li jopera b'mod li jirrispetta l-kapaċità tal-Istati Membri u tal-bdiewa li jaġixxu u li jkollu l-għan li jiżgura li l-kwalità tad-data tkun l-istess madwar l-UE, sabiex jiġi żgurat futur għall-biedja tagħna u jiġu indirizzati l-isfidi kollha li tiffaċċja.

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

<b>Titolu</b>	Emenda tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1217/2009 fir-rigward tal-bdil tan-Network dwar Informazzjoni tal-Kontabilità Agrikola f'Network tad-Data dwar is-Sostenibbiltà tal-Azjendi Agrikoli	
<b>Referenzi</b>	COM(2022)0296 – C9-0206/2022 – 2022/0192(COD)	
<b>Data meta ġiet ippreżentata lill-PE</b>	22.6.2022	
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	AGRI 4.7.2022	
<b>Rapporteurs</b> Data tal-ħatra	Jérémy Decerle 29.8.2022	
<b>Eżami fil-kumitat</b>	12.7.2022	9.1.2023
<b>Data tal-adozzjoni</b>	22.3.2023	
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 45 –: 0 0: 1	
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Mazaly Aguilar, Clara Aguilera, Álvaro Amaro, Attila Ara-Kovács, Carmen Avram, Adrian-Dragoş Benea, Benoît Biteau, Daniel Buda, Isabel Carvalhais, Dacian Cioloş, Paolo De Castro, Jérémy Decerle, Salvatore De Meo, Herbert Dorfmann, Paola Ghidoni, Francisco Guerreiro, Martin Hlaváček, Krzysztof Jurgiel, Jarosław Kalinowski, Elsi Katainen, Camilla Laureti, Gilles Lebreton, Elena Lizzi, Chris MacManus, Colm Markey, Marlene Mortler, Ulrike Müller, Maria Noichl, Juozas Olekas, Daniela Rondinelli, Bronis Ropė, Anne Sander, Simone Schmiedtbauer, Veronika Vrecionová, Sarah Wiener	
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Rosanna Conte, Claude Gruffat, Anja Hazekamp, Ladislav Ilčić, Manolis Kefalogiannis, Petros Kokkalis, Benoît Lutgen, Gabriel Mato, Alin Mituța, Christine Schneider, Irène Tolleret	
<b>Data tat-tressiq</b>	24.3.2023	

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET  
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

45	+
ECR	Mazaly Aguilar, Ladislav Ilčić, Krzysztof Jurgiel, Veronika Vrecionová
ID	Rosanna Conte, Paola Ghidoni, Elena Lizzi
PPE	Álvaro Amaro, Daniel Buda, Salvatore De Meo, Herbert Dorfmann, Niclas Herbst, Jarosław Kalinowski, Benoît Lutgen, Colm Markey, Gabriel Mato, Marlene Mortler, Anne Sander, Simone Schmiedtbauer, Christine Schneider
Renew	Dacian Cioloș, Jérémy Decerle, Martin Hlaváček, Elsi Katainen, Alin Mituța, Ulrike Müller, Irène Tolleret
S&D	Clara Aguilera, Attila Ara-Kovács, Carmen Avram, Adrian-Dragoș Benea, Isabel Carvalhais, Paolo De Castro, Camilla Laureti, Maria Noichl, Juozas Olekas, Daniela Rondinelli
The Left	Anja Hazekamp, Petros Kokkalis, Chris MacManus
Verts/ALE	Benoît Biteau, Claude Gruffat, Francisco Guerreiro, Bronis Ropé, Sarah Wiener

0	-

1	0
ID	Gilles Lebreton

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni